MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA
# (KOMPETENZA KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2003

Rikors Numru. 18/2003/1

Joseph sive Giuzeppi Schembri
Vs
Registratur tal-Qorti Superjuri, l-Avukat Generali, Joyce u Joseph konjugi Schembri

Il-Qorti,

**RIKORS:**
Rat ir-rikors ta' Joseph sive Giuzeppi Schembri li bih ippremetta:

Illi r-rikorrent huwa ragel mizzewweg u ghandu iben li jismu wkoll Joseph. Illi dan l-iben, flimkien ma' martu Joyce, ghandu tifel li ghadu minuri u li jismu Ryan Schembri. Ir-rikorrent ghaldaqstant jigi n-nannu patern ta' dan il-minuri u dejjem kellu access normali ghan-neputi tieghu Ryan;

Illi fis-26 ta’ Marzu tas-sena 2002 inbdew proceduri quddiem l-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Civili ghas-separazzjoni gudizzjarja bejn il-fuq imsemmija Joseph u Joyce konjugi Schembri (Citazz Nru: 355/2002);

Illi matul dawn il-proceduri qamet kwistjoni dwar il-kura u l-kustodja tat-tifel Ryan tant illi kellha tinhatar Social Worker sabiex tirrelata dwar dan il-punt;

Illi matul is-seduta tal-5 ta’ Dicembru 2002 fil-kawza Joseph Schembri vs Joyce Schembri li ghaliha saret referenza aktar ‘il fuq, l-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Civili tat digriet li jolqot direttament lir-rikorrent billi pprojbixxiet lir-rikorrent, bhala nannu patern tat-tifel Ryan Schembri, milli b’xi mod jipprova jikkomunika mat-tifel;

Illi r-rikorrent m’huwiex parti mill-fuq imsemmija proceduri u fil-hin li nghata d-digriet la kien rapprezentat minn difensur legali u l-anqas inghata l-opportunita` li jikkontesta l-posizzjoni li hadet il-Qorti billi l-anqas biss seta’ jiddefendi l-posizzjoni u d-drittijiet tieghu;

Illi dan id-digriet l-anqas gie formalment notifikat lir-rikorrent izda gie kkomunikat lilu fl-Awla fejn hu kien prezenti u anke f’dan l-istadju huwa ma kellu l-ebda fakulta li jikkontesta l-legalita` tal-procuduri mehuda fil-konfront tieghu;

Illi d-digriet tal-5 ta’ Dicembru 2002 moghti mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet Joseph Schembri vs Joyce Schembri jikkostitwixxi ksur tad-dritt fondamentali tar-rikorrent ghal smiegh xieraq u imparzjali kif protett mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u mill-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali u dan ghar-ragunijiet fuq imsemmija;

Illi b’konsegwenza tal-fuq imsemmi digriet ir-rikorrent qieghed jigi mcahhad milli jara lin-neputi tieghu Ryan u b’hekk qieghed jigi negat lilu d-dritt li jgawdi l-hajja tal-familja tieghu. Illi ma hemm l-ebda raguni valida li tiggustifika l-allontanament totali tan-nannu patern, ir-

rikorrent, minn neputi tieghu Ryan kif kellu jigi ppruvat tul is-smiegh tal-kawza. Dan ifisser illi m'hemm l-ebda gustifiakzzjoni l-ghala l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili kellha tindahal fl-ezercizzju mir-rikorrent tad-dritt tieghu li jara lin-neputi tieghu u dan bhala parti mid-dritt li jgawdi l-familja tieghu;

Illi ghaldaqstant il-fuq imsemmi digriet jikkostitwixxi wkoll ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrent ghar-rispett tal-hajja tal-familja tieghu kif protett mill-Artikolu 8(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali;

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil din l-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara li kien hemm ksur tad-dritt fondamentali ghal smiegh xieraq u imparzjali fil-konfront tar-rikorrent kif protett mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali;

2. Tiddikjara li kien hemm ksur tad-dirtt fondamentali ghar-rispett tal-hajja tal-familja tieghu kif protett mill-Artikolu 8(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali;

3. Tiddikjara bhala null u bla effett id-digriet tal-5 ta' Dicembru 2002 moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet Joseph Schembri vs Joyce Schembri (Citazz Nru: 355/2002;

4. Tordna li jinghataw dawk ir-rimedji li jidrilha xieraq fic-cirkostanzi.

Bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, lista tax-xhieda, u dokumenti esebiti.

**ECCEZZJONIJIET:**

Rat ir-risposta ta' l-Avukat Generali u tar-Registratur tal-Qorti li biha eccepew:

1. Preliminarjament l-ezistenza ta' mezz xieraq ta' rimedju taht il-ligi ordinarja biex jigi attakkat (b'citazzjoni appozita) d-digriet li minnu jilmenta r-rikorrent. Illi ghaldaqsatant din il-Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-mansjonijiet taghha taht il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u taht il-Kap 319.

2. Subordinatament, illi d-digriet in kwistjoni ma ddetermina ebda dritt jew obbligu civili tar-rikorrent u ghalhekk m'huwiex censurabbli taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

3. Illi subordinatament ukoll ir-rikorrent bhala nannu patern ma jgawdi ebda dritt parentali fuq il-minuri Ryan Schembri dment li l-genituri tal-minuri ghandhom is-setgha tal-genitur huma stess.

4. Illi d-digriet impunjat ma jikkostitwixxi ebda ksur tad-dritt ghall-hajja privata u tal-familja u, fi kwalunkwe kaz, il-mizura mehuda bid-digriet hija necessarja f'socjeta` demokratika ghall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' haddiehor.

Rat il-verbal tal-25 ta' Gunju, 2003 li permezz tieghu l-intimata Joyce Schembri assocjat ruhha mal-eccezzjonijiet tal-Avukat Generali.

Rat r-risposta ulterjuri tar-Registratur tal-Qrati Superjuri li eccepixxa:

Illi huwa mhux legittimu kontradittur peress li huwa ufficjal subordinat tal-Qrati, ghandu kariga amministrattiva u ma jippartecipax u m'ghandux kontroll fl-operat gudizjarju. Ghalhekk ghandu jkun mehlus mill-harsien tal-gudizzju u m'ghandux ibati spejjez.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

**PROVI:**

Ir-rikorrent ipprezenta affidavit fejn semma li hu mizzewweg lil Maria Concetta u ghandhom tlett ulied fosthom Joseph Alfred Schembri. Dan Joseph mizzewweg lil Joyce u ghandhom zewgt itfal Sarah u Ryan, it-tnejn minuri. Qal li f'Gunju 2002 ibnu Joseph issepara minn ma' martu bonarjament u ftehmu dwar il-kura u l-kustodja tat-tfal u l-access ghalihom mill-missier.

Fis-26 ta' Marzu 2002 Joseph beda proceduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili peress li hass li l-omm mhix tiehu hsieb uliedha skond l-ahjar interess taghhom. Ipprezenta kopja tac-citazzjoni u kopja tan-nota ta' l-eccezzjonijiet fejn inhatru Social Workers li ghamlu rapport li gie prezentat. Semma li ghamlu diversi konkluzjonijiet fosthom anke dwar l-access li hu kellu ghat-tifel Ryan.

Semma li fil-5 ta' Dicembru 2003 tela' l-Qorti mat-tifel tieghu peress li kien qed ihossu ma jiflahx. Ipprezenta kopja tat-traskrizzjoni tax-xhieda moghtija mis-social worker. Waqt dik is-seduta l-Imhallef staqsa dwar ir-relazzjoni tieghu mat-tifel Ryan u meta s-social worker indikatlu min kien, qallu biex lil Ryan ma jarahx aktar sa kemm jghidlu hu. Qal li ghalkemm kien fl-Awla hu ma kienx qed jippartecipa fis-seduta. L-Imhallef kien ta digriet li kien jolqot lilu liema digriet ipprezenta kopja tieghu. Semma li dakinhar hu ma kellux avukat mieghu minhabba li l-kawza ma kenitx tieghu. Qal li l-Imhallef la ghamillu domanda wahda u tah canfira. Kompla jghid li ma nghatax l-opportunita` jiddefendi ruhu ghax kieku kien jopponi ghan-natura tad-digriet.

Ipprezenta x-xhieda li kien ta' quddiem l-Assistenta Gudizjarja fil-kawza ta' bejn it-tifel tieghu u martu Joyce. It-tifel tieghu Joseph kemm-il darba qallu li Ryan kien qed ibati minhabba s-sitwazzjoni kkawzata permezz tad-digriet. Qal li t-tifel tieghu Joseph ghamel rikors fejn talab li d-digriet jigi revokat liema rikors gie michud u fit-28 ta' April 2003 dak id-digriet gie kkonfermat. Ipprezenta kopja tar-rikors kif ukoll tar-risposta.
Rat l-atti kollha tal-kaz [inkluz ir-rapport tas-Social Workers] [ u n-noti tal-osservazzjonijiet];

Semghet lix-xhieda bil-gurament;

Semghet l-abili difensuri jittrattaw.

**KONKLUZJONIJIET:**
Din id-decizjoni hi fuq l-eccezzjoni preliminari tal-Avukat Generali u li assocjat ruhha maghha Joyce Schembri u cioe' preliminarjament l-ezistenza ta' mezz xieraq ta' rimedju taht il-ligi ordinarja biex jigi attakkat (b'citazzjoni appozita) d-digriet li minnu jilmenta r-rikorrent u ghaldaqstant talab li din il-Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-mansjonijiet taghha taht il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u taht il-Kap 319.

Ikkunsidrat

Illi r-rikorrent qieghed jitlob li din il-Qorti tiddikjara li hemm ksur fid-drittijiet fondamentali ghal smiegh xieraq u imparzjali fil-konfront tieghu kif protett mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja u li hemm ukoll ksur fid-dritt fundamentali ghar-rispett tal-hajja tal-familja kif protett mill-Artikolu 8(1) u jigi dikjarat null u bla effett id-digriet moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet Joseph Schembri vs Joyce Schembri (citazz. nru. 355/02) tal-5 ta' Dicembru 2002. Izda l-intimati jsostnu li l-Qorti ghandha tapplika l-Artikolu 46(2) minhabba l-ezistenza ta' mezz xieraq ta' rimedju taht il-ligi ordinarja u ghalhekk ghandha tiddeklina milli tezercita l-mansjonijiet taghha oltre li gie sostnut li ma gie trasgress ebda dritt tar-rikorrent.

Fil-fatt fil-kors tal-proceduri bejn Joseph Schembri u Joyce Schembri l-Prim Awla tal-Qorti Civili tat digriet direttament fil-konfront tar-rikorrent li jahbat missier Joseph Schembri biex l-istess rikorrent ma jikkomunikax ma' Ryan Schembri li r-rikorrent huwa nannuh. L-intimati sostnew li kien jinkombi fuq ir-rikorrent li jistitwixxi proceduri legali ohra minn dawk odjerni fis-sens li l-istess digriet seta' gie revokat jew modifikat ***contrario imperio*** mill-Qorti li kienet qed tippresjedi din il-kawza. L-intimati fil-kors tat-trattazzjoni semmew il-possibbilta` tal-intervent fil-kawza tar-rikorrent biex b' hekk ikun jista' jattakka l-imsemmi

digriet. Semmew ukoll ir-rimedju tal-appell mid-digriet. Izda aktar u aktar l-intimati jsostnu li tali digriet seta' gie attakkat permezz ta' citazzjoni apposita anke semmai trattata b' urgenza u ma kienx necessarju li wiehed jitlob li juza l-proceduri ta' natura Kostituzzjonali. L-Avukat Generali jsemmi wkoll li f' dawn l-ahhar proceduri anqas biss kien ikun hemm il-bzonn tal-prezenza tieghu f' dawn l-atti u li citazzjoni apposita maghmula b' urgenza setghet twassal ghal decizjoni spedita u li tittratta l-kwistjoni b' mod xieraq.

F' dan l-istadju l-Qorti thoss li ghandha tirreferi ghall-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u l-gurisprudenza fuq is-suggett. Fl-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni nsibu l-proviso li jghid:

"Izda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dan is-subartikolu f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra."

Fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) deciza fid-29 ta' Ottubru, 1993 fl-ismijiet "Martin Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija et" insibu:

"Maghmula dawn l-osservazzjonijiet, il-Qorti ser tidhol fil-meritu ta' l-eccezzjoni, u tibda biex tghid, kif persistentement minnha dikjarat u sostnut, illi, bhala regola, meta si tratta ta' kawza ta' din ix-xorta, il-Qorti ghandha tiddirigi ruhha lejn ir-rifjut tal-ezercizzju tas-setghat taghha taht l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, mhux biss meta ma jistax isir mod iehor ghaliex ir-rimedju jkun essenzjalment residenti quddiem Qorti ohra, imma anke, per ezempju, meta l-indagini gudizzjarja u r-rimedju ghall-ilment ikunu sostanzjalment duplikati fiz-zewg mezzi miftuha ghal min ikun qieghed iressaq l-ilment. Meta l-aspetti ta' l-indagini ikunu ta' natura prevalentament kostituzzjonali, bir-rimedji propriji pedissekwi, ix-xejra ghandha tmur lejn l-esercizzju tas-setghat li l-Kostituzzjoni ta' Malta, fl-Artikolu 46 (2), taghti lil Qorti Civili Prim'Awla"

Il-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Marzu, 1994 fil-kawza fl-ismijiet "Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine", wara li ezaminat numru ta' sentenzi kienet qalet hekk:

"Minn din ir-rassenja tas-sentenzi kemm tal-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili kif ukoll ta' din il-Qorti, jistghu jitnisslu dawn il-linji giurisprudenzjali:

(a) Meta huwa car li hemm mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrent biex ikollu rimedju ghad-dannu li qed jillamenta, bhala principju generali dawn ghandhom jigu adoperati, u r-rikors ghall-organi gudizzjarji ta' natura kostituzzjonali ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu ezawriti jew meta ma humiex disponibbli.
(b) Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirrizultawx ragunijiet serji u gravi ta' illegalita' jew ta' gustizzja jew ta' zball manifest, ma tiddisturbax l-esrcizzju ta' diskrezzjonalita' ta' l-ewwel Qorti konferit mill-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni.
(c) Kull kaz ghandu l-fattispecie partikolari tieghu.
(d) Meta r-rikorrent ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li setgha kellu, dan ma jfissirx li l-Qorti ghandha tikkonsidra li m'ghandiex tezercita l-gurisdizzjoni taghha jekk, dak il-possibli rimedju ma kienx pero' se jirrimedja hlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrent
(e) Meta r-rikorrent ma jkunx ezawrixxa r-rimedji ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa ghalih l-operat ta' haddiehor, allura ma jkunx desiderabbli li l-Qorti tieqaf u ma tipprocedix bit-trattazzjoni tal-kaz.
(f) Meta l-ewwel Qorti tezercita d-diskrezzjoni taghha u tieqaf mit-trattazzjoni minghajr ma tezamina l-materja necessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni ghandha tigi ezercitata, il-qorti tat-tieni grad ghandha twarrab dik id-diskrezzjoni."

Fil-kawza fl-ismijiet "Lawrence Cuschieri vs l-Onor Prim Ministru" deciza fis-6 ta' April, 1995, il-Qorti Kostituzzjonali qalet:

"Hu veru li kull persuna tista' tirrikorri lill-Prim' Awla ghal rimedju ta' indole kostituzzjonali, imma l-ewwel subinciz ta' dak l-artikolu 46 irid jigi moqri mal-

proviso tat-tieni subinciz tieghu li jipprovdi li l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dak l-artikolu f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat "huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra". Hu veru wkoll illi din il-fakolta' hija diskrezzjonali ghall-Qorti imma hu car li l-ezercizzju ta' tali diskrezzjoni ma jistax ikun wiehed kapriccuz jew legger. Hu ovvju illi ma hux indikat - jekk mhux f'kazijiet verament eccezzjonali li jikkonvincu lill-Qorti mod iehor - illi l-ewwel Qorti tezercita s-setghat taghha sakemm kienu, huma jew ghadhom, miftuhin ghar-rikorrent rimedji ohra adegwati fil-parametri tal-ordinament gjudizzjarju, kemm dawk ordinarji permezz ta' appell kif ukoll dawk straordinarji permezz ta' ritrattazzjoni. Sakemm tibqa' l-possibilita' li l-lezjoni tad-dritt fondamentali setghet kienet jew ghad tista' tigi rettifikata bil-proceduri u mezzi provduti bil-ligi, ikun generalment il-kaz li l-Qorti tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha."

Dawn l-istess principji kienu applikati fis-sentenzi tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) deciza fis-27 ta' Lulju, 1995 fl-ismijiet "Paul Makay vs Kummissarju tal-Pulizija" u deciza fil-21 ta' April, 1995 fl-ismijiet "Anton Scicluna pro et noe vs Prim Ministru."

Fil-kawza fl-ismijiet "Maria Magro vs Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali" deciza fit-28 ta' Mejju, 1997 il-Qorti Kostituzzjonali hasset li meta tkun qeghda tikkunsidra jekk ghandhiex tkompli tisma' kawza minhabba li hemm rimedji ohra fil-Ligi a tenur ta' l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni, il-Qorti Kostituzzjonali trid tkun certa li r-rimedju jkun fih tliet elementi importanti: accessibli, cert u effettiv.

Din il-Qorti kif presjeduta fil-kawza fl-ismijiet "Stephen Falzon vs Registratur tal-Qorti et" fl-14 ta' Frar, 2002 qalet:
"Dan il-proviso ghalhekk mhux xi wiehed li jista' jittiehed b'mod laxk jew kapriccuz. Mhux intiz biex il-Qorti tahrab mir-responsabbilta'; izda minn-naha l-ohra il-Qorti

ghandha l-obbligu li f’certu cirkostanzi tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha f’kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta’ rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra. Altrimenti tkun qedgha tagixxi ta’ Qorti tat-tielet istanza – haga li tmur kontra l-ligi. Jekk kien hemm mezzi xierqa ohra il-Qorti ghandha tiddirigi ruhha lejn ir-rifjut tal-ezercizzju tas-setghat taghha taht l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, mhux biss meta ma jistax isir mod iehor ghaliex ir-rimedju jkun essenzjalment residenti quddiem Qorti ohra, imma anke meta l-indagini gudizzjarja u r-rimedju ghall-ilment ikunu sostanzjalment duplikati fiz-zewg mezzi miftuha ghal min ikun qieghed iressaq l-ilment. Ir-rikors ghall-organi gudizzjarji ta’ natura kostituzzjonali ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu ezawriti jew meta ma humiex disponibbli. Meta r-rikorrent ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li setgha kellu, il-Qorti m’ghandiex tikkonsidra li tezercita l-gurisdizzjoni sakemm ma jirrizultax li dak il-possibli rimedju ma kienx pero’ se jirrimedja hlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrent. Ghalhekk ma hux indikat - jekk mhux f'kazijiet verament eccezzjonali li jikkonvincu lill-Qorti mod iehor - illi l-ewwel Qorti tezercita s-setghat taghha sakemm kienu, huma jew ghadhom, miftuhin ghar-rikorrent rimedji ohra adegwati fil-parametri tal-ordinament gjudizzjarju, kemm dawk ordinarji permezz ta' appell kif ukoll dawk straordinarji permezz ta' ritrattazzjoni. “Sakemm tibqa' l-possibilita' li l-lezzjoni tad-dritt fundamentali setghet kienet jew ghad tista' tigi rettifikata bil-proceduri u mezzi provduti bil-ligi, ikun generalment il-kaz li l-Qorti tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha.”

Fil-kawza fl-ismijiet “Adel Mokhtar Al Sakalli vs Onor Prim Ministru et” deciza fis-7 ta’ April, 2000 mill-Qorti Kostituzzjonali il-Qorti sostniet li meta jezistu rimedji taht il-ligi ordinarja tal-pajjiz wiehed ghandu l-ewwel jezawrixxi dawk ir-rimedji. Huwa f'idejn l-ewwel Qorti li ma tezercitax id-diskrezzjoni taghha.

Fil-31 ta’ Mejju, 2000 il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet “Spiteri Domenico Savio vs Chairman Planning Authority et” qalet li l-Prim Awla tal-Qorti Civili ghandha

poteri diskrezzjonali wiesgha biex tiddeciedi li ma tezercitax il-poteri taghha meta r-rikorrent ma ezawriex ir-rimedji possibli taht il-ligi ordinarja.

Fil-kawza deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Lulju, 2000 fl-ismijiet "Glen Bedingfield vs Kummisarju tal-Pulizija et" il-Qorti hasset li l-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 4 (1) tal-Kapitolu 319 jistabilixxu l-procedura kif kull persuna li tallega li xi wahda mid-disposizzjonijiet protettivi tal-jeddijiet fondamentali kienet qed tigi jew tkun x'aktarx ser tigi miksura dwarha, tista', bla hsara ghal kull azzjonii ohra dwar l-istess haga li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghar-rimedju. Din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni originali li tisma' u tiddeciedi kull talba ta' din ix-xorta. Mid-decizjoni hemm dejjem appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Dak id-dritt hu wiehed assolut u bla limiti u l-ebda ezercizzju ta' interpretazzjoni li jillimita tali dritt, anke jekk maghmul bl-ahjar intenzjonijiet biex suppost jiffacilita l-process gjudizzjarju ma jista' jigi accettat jew tollerat. L-unika limitazzjoni f'dan ir-rigward hi dik fil-proviso tas-subinciz 2 ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-provvediment analogu fil-Kap 319 li fil-verita` mhijiex limitazzjoni ta' access ta' l-individwu lill-organi gjudizzjarji kostituzzjonali imma poter lill-Qorti li tirrifjuta li tezercita s-setghet taghha fejn tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat kienu jew huma disponibbli favur il-persuna li taghmel ir-rikors skond xi ligi ohra u biss fil-kaz fejn tqis li jkun hekk desiderabbli li taghmel. Fir-rigward ta' dan id-dritt ta' access, il-Kostituzzjoni u l-Kap 319 lanqas jaghmlu l-ebda accenn lejn il-possibilita` illi r-rikors lil dawk l-organi ikun ukoll sempliciment frivolu u vessatorju kuntrarjament ghal dak li tiddisponi fis-subinciz (3). Iz-zewg proceduri kontemplati fis-subinciz 1 u fis-subinciz 3 tal-artikolu 46 ma kienux limitazzjoni ta' xulxin, izda paralleli ma' xulxin.

Fl-20 ta' Novembru, 2000 il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet "Melchior Spiteri vs Avukat Generali" hasset li l-Qorti ma ghandiex ma tezercitax id-drittijiet taghha taht l-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni jekk tkun qed tigi negata l-liberta' personali.

Wara li ezaminat dan kollu l-Qorti hi tal-fehma li kienu jezistu proceduri ohra adegwati mhux quddiem il-Qorti Kostituzzjonali u li ghalhekk fic-cirkostanzi tal-kaz ghandha tirrifjuta, kif fil-fatt qeghdha taghmel, li tezercita s-setghat taghha skond l-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni minhabba li jezistu mezzi xierqa ohra ta' rimedju ghall-ksur allegat u ghalhekk tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-Avukat Generali.

Spejjez kontra r-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------